**Laqgha Numru 15/K6/2009**

**Introduzzjoni**

Minuti tal-Hmistax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2009 li saret nhar l-Erbgha 23 ta' Settembru 2009.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat kienet skuzata.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

Is-Sindku Joe Zammit beda l-laqgha billi ufficjalment rega' wassal il-kondoljanzi lill-Kunsillier Joe Brincat ghat-telfa tal-mara tieghu u talab li tinzamm Minuta silenzju bhala rispett.

Il-Kunsill waqaf ghall-Minuta u wara tkompliet il-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fis-17 ta' Settembru 2009. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 14/K6/2009.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 14/K6/2009.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Tigdid ta' kuntratti.**

**10. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**11. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 14/K6/2009.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 14/K6/2009 kif ipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 14/K6/2009.

**46/3718/09/I** 10/07/2009 Memo minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali numru 42/2009 - Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2010.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 14/K6/2009 item 2.01 u 2.02, ghall-Minuti 12/K6/2009 item 6.07 u ghall-korrispondenza numru **46/3718/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill jaghmel talba ghal ghajnuna finanzjarja biex jigu l-grupp folkloristiku minn Roccalumera kif ukoll tigi organizzata attivita' kulturali Trooping of the Colours kif kien approva l-Kunsill xi xhur ilu, is-Sindku Joe Zammit qal li l-ittra t'informazzjoni lill-Ambaxxati li l-pajjizi taghhom taw kontribut fl-istorja ta' pajjizna hekk kif maqbul fl-ahhar laqgha tal-Kunsill ghad ma saritx u li kieku saru zgur li dan il-progett ma kienx se jkun lest u ppjanat biex ikun jista' jidhol taht l-iskema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2010 minhabba x-xoghol u hsieb li fih. Il-kelliem qal li minnaha l-ohra rigward il-grupp kulturali/folkloristiku minn Roccalumera l-kelliem qal li huwa kien talab lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat biex tiehu hsieb taht id-dikasteru taghha dan il-programm. Is-Sindku Joe Zammit qal li xi jiem ilu huwa kien ta struzzjonijiet lill-istaff klerikali biex jghaddulha kopja tad-dokument relatat ma' dan is-suggett.

2.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet infurmatu li minhabba li kienet impenjata bl-attivita' konnessa mat-tornament tal-futbol organizzat mill-Kunsill, ma kelliex zmien bizzejjed sabiex tikkompila l-applikazzjoni, liema applikazzjonijiet ghalqu fil-11 ta' Settembru 2009.

2.03. B'riferenza ghall-Minuti 14/K6/2009 item 2.09 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li din l-attivita'(Weekend Roccalumera) ghandha ssir fl-ahhar weekend ta' Awwissu, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li din il-mawra kulturali kellha ssir bejn il-11 u t-13 ta' Settembru 2009. Il-kelliem qal li wara li kien ikkonsulta mal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kien sar qbil biex il-leaflet li tqassam fid-djar tkun 'Harga Kulturali ghal Roccalumera' biz-zewg dikasteri jissemmew fil-leaflet. Il-kelliem qal li kien intalab il-permess tas-Sindku Joe Zammit, fejn huwa kien approva dan. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li sfortunatament ma kienx hemm konkorrenza mir-residenti u ghalhekk din l-attivita' ma saritx.

2.04. B'riferenza ghall-Minuti 14/K6/2009 item 5.02 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien talab li d-dokument tat-Tender check list ghandu jigi diskuss fil-laqgha li jmiss, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li dan id-dokument ghandu jibda jigi uzat b'effett immedjat mad-dokumentazzjoni li johrog il-Kunsill meta jinhargu l-offerti. **(Ara dokument A)**

2.05. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.07. B'riferenza ghall-Minuti 14/K6/2009 item 5.03 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li rigward il-laqgha li saret mad-Direttur ghad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, huwa kien ser jirrevedi l-applikazzjoni li ghamel il-Kunsill dwar il-Gemellagg ma' Anning halli tigi rrangata, jinghataw aktar dettalji specjalment fuq il-punti li qajjem id-Direttur li minhabba fihom il-Prim Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni tad-Dipartiment irrifjuta l-applikazzjoni ghal dan il-gemellagg u terga' tigi sottomessa ghall-approvazzjoni tad-Dipartiment, is-Sindku Joe Zammit qal li l-applikazzjoni riveduta ghandha ssir fil-futur meta jkun iz-zmien opportun.

2.08. B’riferenza ghall-Minuti 14/K6/2009 item 6.11 fejn is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsillier Joe Brincat kien qallu li wara li kien ircieva telefonata mill-Kunsill biex jispezzjona z-zona ta’ fejn sar il-Kuncert mar jara u jidher li ghad baqa’ hafna materjal l’akkumula matul il-kuncert li jrid jitnehha u dan jista’ jidher jekk ta’ l-NnG Promotions izuru sewwa l-akwata kollha u mhux il-ground biss, il-Kunsillier Joe Brincat qal li huwa kien zar iz-zona fejn saret l-attivita’ u nforma lill-Kunsill li ghalkemm it-tindif huwa sodisfacenti, hemm hsara f’hajt l’inqalghu gebel minnu u ghalhekk ippropona li l-NnG ghandhom jigu nfurmata li l-Kunsill ser iqabbad lill-kuntrattur biex isewwi dan il-gebel tal-hajt u l-hlas isir ghas-spejjez taghhom. Il-kelliem ippropona ukoll li l-Kunsill jigbor kwotazzjoni minghand il-kuntrattur tal-Kunsill.

2.09. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4159/09/I** 03/08/2009 E-mail minghand is-Sur Patrick Gauci li joqghod Sit F fejn gibed l-attenzjoni tal-Kunsill bl-inkonvenjent li nholoq lir-residenti ta' Sit F minn meta twahhlu t-tabelli tal-one way fi Triq Gioacchino Le Brun u ssuggerixxa zewg proposti wahda li taht il-One Way fit-tarf ta’ Triq Gioacchino Le Brun titwahhal tabella li tghid ‘Except for Local Residents’ jew ‘Except for Garage Owners of Site F’ jew li tabelli tal-One Way jitwahhlu fil-bidu ta’ Triq Gioacchino Le Brun (in-naha ta’ Triq Tobruk) u jizdiedu bit-tabella ‘Except for Local Residents’.

2.11. B’riferenza ghall-Minuti 14/K6/2009 item 8.95 u ghall-korrispondenza numru **46/4159/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li din ghandha tigi diskussa fil-laqgha li jmiss, is-Sindku Joe Zammit staqsa jekk din ghandiex tintbaghat lill-ADT ghas-suggerimenti taghha jew jekk il-Kunsill ghandux izomm mad-decizjoni li diga ha u dan fl-interess tal-maggoranza tar-residenti ta’ Sit F.

2.12. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill ghandu jzomm l-approvazzjoni tieghu fl-interess tar-residenti u jhalli kollox kif approvat f’dik il-laqgha tal-Kunsill.

2.13. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li rigward il-laqgha li kienet saret mad-Direttur ghall-Gvern Lokali, il-Kunsill ghandu bzonn stima dettaljata tax-xoghol li hemm bzonn isir fuq il-hajt li jifred il-Kunsill minn mal-Verdala International School sabiex issir it-talba lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex ikunu jistghu jintuzaw il-fondi allokati ghaz-zamma u manutenzjoni tat-toroq.

2.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob lill-Perit tal-Kunsill sabiex jaghmel din l-istima.

2.03. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

2.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03. Tqeghied ta’ dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 59/2009** b’rapport tal-laqgha li saret mar-rapprezentanti tal-Banda Spinola **(Ara dokument B); Internal Memo 60/2009** b’rapport tal-laqgha li saret mal-Verdala International

School **(Ara dokument C); Internal Memo 61/2009** b'rapport tal-laqgha mar-residenti dwar ħsarat minn main ta' l-ilma **(Ara dokument D); Internal Memo 62/2009** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-Avukat tal-Kunsill **(Ara dokument E); Internal Memo 63/2009** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-Agenzija Sapport **(Ara dokument F); Internal Memo 64/2009** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-ADT, l-FTS u d-Dipartiment tax-Xogħlijiet **(Ara dokument G); Internal Memo 65/2009** b'rapport tal-laqgha li saret mill-AKL dwar il-mizati tal-landfill **(Ara dokument H); Internal Memo 66/2009** b'rapport tal-laqgha li l-Kunsill kellu ma' l-Onor. Seg. Parlamentari Dr. Chris Said dwar il-konferenza ta' l-ECAD **(Ara dokument I); Internal Memo 67/2009** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 14/K6/2009 u 15/K6/2009 **(Ara dokument J); Internal Memo 68/2009** b'lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 14/K6/2009 u 15/K6/2009 **(Ara dokument K);** Flyer dwar mawra kulturali f'Roccalumera **(Ara dokument L);** Flyer b'avvizi lir-residenti **(Ara dokument M) u** Flyer dwar il-vaccin ta' l-influwenza 2009 **(Ara dokument N).**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit staqsa lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli jirrapporta dwar il-laqgha li saret ghas-Sindki u Vici Sindki ma' l-Onor. Cris Said u dan minhabba l-fatt li huwa kien indispost minhabba li kien rikoverat l-isptar.

4.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li kien ser iressaq rapport fil-laqgha li jmiss.

4.03. Is-Sindku Joe Zammit staqsa lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli jirrapporta dwar il-laqgha li saret mat-tfal u l-genituri rigward story telling li ghaliha attendew il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u dan minhabba l-fatt li huwa kien indispost minhabba li kien rikoverat l-isptar.

4.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li f'din il-laqgha gie spjegat lit-tfal kif ser tkun organizzata l-attivita' ta' story telling mis-Sur Mark Falzon.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn is-6 ta' Awwissu u t-23 ta' Settembru 2009 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/4169/09/I** 04/08/2009 — E-mail mibghuta mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg dwar Tender mahrug mill-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment dwar enemalta cables bejn Malta u Sqallija.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4169/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill ukoll li fuq din il-materja l-Kunsill kien ghamel oggezzjoni kif ukoll kien talab ghall-laqgha.

6.03. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li milli jidher il-Korporazzjoni Enemalta issa applikat ghal sit iehor li m'huwiex fil-konfini tal-lokal, ghalkemm ghad ma hemm xejn ikkonfermat.

6.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rringrazzja lill-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ta' l-inizjattiva li ha u l-impenn li wera sabiex progett bhal dan ma jsirx fil-lokal minhabba l-effetti negattivi ambjentali li jista' jkun hemm.

**46/4172/09/I** 04/08/2009 E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghtu kopja ta' Newsletter Funding 4 YEU.

6.05. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4172/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4178/09/I** 04/08/2009 Memo 46/2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Ftuh ta' l-Ufficini Amministrattiv tal-Kunsilli Lokali nhar ta' Sibt.

6.06. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4178/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jaqbel fil-principju li jiftah l-ufficini tieghu nhar ta' Sibt izda fl-istess hin il-Kunsill ghandu jinforma lid-Dipartiment li ser ikun hemm bzonn li tkun impjegata persuna ohra ghal dan ix-xoghol. Il-kelliem qal li din tinvolvi spiza zejda lill-Kunsill u ghalhekk ghandom jintalbu fondi ghal dan l-iskop.

6.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li kemm Kirsty Rizzo kif ukoll Alison Micallef ma jridux jahdmu nhar ta' Sibt. Il-kelliem qal ukoll li Alison Micallef kienet lesta li taqsam il-piz ma' Kirsty Rizzo izda basta mhux dejjem tahdem nhar ta' Sibt hija biss.

6.08. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda l-proposta tas-Sindku Joe Zammit.

6.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.10. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li biex tigi ngaggata persuna ohra hemm bzonn il-permess tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

**46/4189/09/I** 05/08/2009 Ittra minghand it-Traffic Management Directorate il-Perit Gordon Zammit fejn b'riferenza ghall-iskema ta' Residential Parking Scheme informa l-Kunsill li l-ADT ma sibx oggezzjoni ghal din l-iskema basta topera bil-kundizzonijiet li baghtu.

6.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4189/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa informa lill-Kunsill li kienu saru zewg laqghat mar-residenti koncernati rigward din il-proposta, wahda mar-residenti ta' Blokk 4 Triq Sir Lugi Preziosi fejn kienu prezenti huwa, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat u l-laqgha ohra ghar-residenti ta' Blokk 2 Triq il-President Anton Buttigieg fejn kienu prezenti huwa, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kif ukoll il-Kunsilier Joe Brincat. Il-kelliem qal li ghax-xoghol ta' immarkar ta' linji kif ukoll tabelli pprezenta ruhu l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli biex jakkumpanja lill-kuntrattur. Is-Sindku Joe Zammit qal l'intant il-faxxa safra ta' 'no obstruction' quddiem id-dahla ta' Blokk 2 saret mill-kuntrattur kif intalab waqt id-diskussjoni, liema xoghol sar fil-prezenza tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli. Fid-dawl ta' dan kollu l-kelliem ippropona l'issa li twal iz-zejjed iz-zmien biex tigi l-approvazzjoni mill-ADT, il-Kunsill ghandu johrog works order ghat-tabelli kif indikati fil-permess ta' l-ADT u jsiru il-linji kif maqbul mar-residenti fil-laqghat li saru maghhom.

6.12. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.14. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li jekk kemm il-darba jitwahhlu t-tabelli qabel jigi emendat l-Avviz Legali, jidher li kull kontravenzjoni tkun tista' tigi ikkontestata legalment. Il-kelliem fakkar lill-Kunsill ukoll li kemm it-tabelli kif ukoll il-

marki tat-traffiku li ser isiru ghandhom isiru skond il-linji ta' gwida ta' l-ADT. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab lill-Kunsill sabiex jigu ndikati fuq pjanta fejn ser jehlu t-tabelli kif ukoll kemm ser jigu ordnati tabelli.

6.15. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li kien ser jiehu hsieb dan.

**46/4197/09/I** 05/08/2009 E-mail minghand l-AKL fejn informaw lill-Kunsill bil-laqgha li ser issir ghas-Sindki, Vici Sindki u Kunsilliera nhar is-Sibt 5 ta' Settembru gewwa d-Dolmen Hotel Bugibba li tibda fid-9.00am bil-hlas ta' €40 kull persuna.

6.16. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4197/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4202/09/I** 05/08/2009 E-mail minghand il-MEPA fejn baghtu lista t'applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp PA02931/09 – To carry out alterations & additions to existing residence – Mr. George Spiteri, 'Rodshir', Triq il-Mediterran, Pembroke.

6.17. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4202/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4216/09/I** 06/08/2009 E-mail minghand is-Sur Raphael Farrugia fejn b'riferenza ghat-tabella li twahhlet mill-Kunsill Lokali San Giljan bl-isem ta' Triq Emmanuel Decelis talab lill-Kunsill biex jinstab post alternattiv biex titwahhal din it-tabella kemm jista' jkun malajr.

6.18. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4216/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li ghandha tehel tabella bl-isem tat-triq fil-bidu tat-triq li tinsab fil-konfini tal-lokal.

6.19. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4224/09/I** 06/08/2009 E-mail minghand il-MEPA fejn b'riferenza ghall-progett tal-UIF fil-gnien Madre Teresa ta' Kalkutta nformat lill-Kunsill li ghadda zmien minn meta suppost tlesta l-progett u talbet raguni ghaliex, kif ukoll data ohra meta ser ikun lest il-progett li ma jaqbizx is-sitt gimghat.

6.21. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4224/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien ha l-inizjattiva mill-ewwel wara l'ikkonsulta mieghu gew infurmati ghaliex waqaf milli jibda x-xoghol meta l-Kunsill ghandu z-zamma tal-kuntratt minn wiehed mill-kompetituri.

**46/4236/09/I** 07/08/2009 Ittra minghand il-MEPA fejn baghtu l-Kunsill statement of funds fejn l-ammont ta' €11,320.76 huma disponibbli ghall-lokal ta' Pembroke ghall-UIF.

6.22. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4236/09/I** is-Sindku Joe Zammit qal li dawn huma finanzi li jistghu jintuzaw fuq il-progett ta' Gnien 4 ta' Lulju. Il-kelliem ippropona li dan is-suggett ghandu jigi diskuss fil-laqgha li jmiss sabiex il-Kunsill jara kif jista' jaghmel uzu minnhom.

6.23. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4249/09/I** 07/08/2009 E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghar-risposta li ntbaghtet dwar il-kontribuzzjoni li talab il-Kunsill ghall-iskart u

hsarat, il-Kunsill gie nfurmat li minkejja d-decizjoni giet maqbula b'mod unanimu m'hemmx bazi legali u l-iskejjel iridu jigu nfurmati li l-inizjattiva ser tieqaf.

6.25. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4249/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li diga kienet ittiehdet azzjoni fuq din il-materja kif kien maqbul fl-ahhar laqgha tal-Kunsill.

**46/4272/09/O** 10/08/2009 E-mail li l-Kunsill baghat lill-ECAD lis-Sinjura Paulina Lonnroth fejn b'riferenza ghall-e-mail li baghtu lill-Kunsill gew infurmati li ladarba jkun hemm konferma taz-zjara li ser issir f'Malta ghall-pre Meeting ikunu jistghu isiru l-arrangamenti ghal zjarat m'ghaqdiet li jiehdu hsieb minn jabbuza mid-Droga kif ukoll tigi ffissata laqgha ma' l-Onor. Dr. Chris Said.

**46/4353/09/I** 13/08/2009 Kopja ta' l-e-mail li s-Sindku Joe Zammit ircieva mill-Bord ta' l-ECAD fejn informat lis-Sindku li d-delegazzjoni ta' l-ECAD gejjien il-Hamis 24 ta' Settembru u ser joqghodu fil-Palace Hotel Sliema u nformaw lill-Kunsill li laqgha bejn il-bord issir il-Gimgha 25 ta' Settembru ghall-habta ta' 9.30am, talbu biex issir laqgha ma' Dr. Chris Said, kif ukoll talbu biex issir ikla lil Advisory Board, talbu biex is-Sibt 26 ta' Settembru jzuru centri ta' riabilitazzjoni u qed jipproponu li l-konferenza ta' l-ECAD issir bejn it-22 u l-24 t'April 2010.

6.26. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4272/09/O u 46/44353/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-pre meeting gie ffissat li jsir hawn Malta kif kien previst u fil-fatt fil-jiem li ghaddew saret laqgha ma' l-Onor. Chris Said dwar dan.

**46/4280/09/I** 10/08/2009 E-mail minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali fejn informaw lill-Kunsilli Lokali li wara l-konsultazzjoni li saret mal-Kunsilli t-tender mal-kumpanija G4S gie terminat minhabba li t-tender qabez it-terminu ta' zmien.

6.27. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4280/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kien talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jinforma lill-Kunsill il-pozizzjoni tal-Kunsill fiex qeda.

6.28. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsill m'ghandux konnessjonijiet ma' din il-kumpanija.

**46/4285/09/I** 10/08/2009 E-mail li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg baghat lill-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn informha li b'riferenza ghall-Memo 47/2009 dwar Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf kien baghat risposta li l-Kunsill ser jippartecipa u jispera li din tigi approvata mill-Kunsill minhabba li kien ghadu hadd ma kkumenta dwarha.

6.29. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4285/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li minhabba z-zmien u data ta' partecipazzjoni u wara l-inizjattiva li ha s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kif ukoll l-e-mail tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, huwa kien qed jipproponi biex f'din il-laqgha l-Kunsill jirriafferma l-partecipazzjoni tal-Kunsill ta' Pembroke f'din l-inizjattiva.

6.30. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.31. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4287/09/I** 10/08/2009 E-mail minghand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat fen issuggerit sabiex il-kwestjonarju li baghtu l-AKL dwar All 4EU jitqassam lill-Kunsilliera u lill-impjegati kollha sabiex jimtela.

6.32. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4287/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li kien ikkompila dan il-kwestjonarju u ntbaghat bl-email kif kien mitlub.

**46/4293/09/O** 10/08/2009 E-mail li l-Kunsill baghat lill-Ing. Ronald Pace tal-Waste Water Unit b'kopja lis-Sur Vince Vassallo sabiex inehhu s-sigar li kienu nqalghu sabiex isewwiet il-hsara li kien hemm fid-dranagg f'San Patrizju.

6.33. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4293/09/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li huwa nfurmat li fil-jiem li gejjien ser issir laqgha ma' min huwa responsabbli rigward l-istragi li saret hawn u ghalhekk talab lill-Kunsillier Joe Brincat biex jindika l-granet meta jkun jista' jattendi sabiex fil-kaz jiddelega lis-Sindku biex jiffissa data meta issir il-laqgha. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill ghandu jibghat reminder ghal din il-laqgha liema laqgha qed tigi proposta l'issir fis-6 ta' Ottubru 2009.

6.34. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

***6.36. Fis-6.15 pm is-Sindku Joe Zammit ippropona sospenzjoni tal-laqgha sabiex il-Kunsill ikun jista' jiltaqa' ma' l-Onor. Michael Falzon.***

***6.37. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.***

***6.38. Il-Kunsill qabel unanimament.***

***6.39. Il-laqgha giet sospiza fis-6.15 pm.***

***6.40. Il-laqgha tkompliet fis-6.55 pm.***

**46/4332/09/I** 12/08/2009 Ittra minghand l-Ghaqda Anzjani Pembroke fejn talbu laqgha urgenti mal-Kunsill sabiex tigi diskussa r-relazzjoni bejn il-Kunsill lokali u l-ghaqda.

6.41. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4332/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem ippropona biex il-Kunsill jaghmel laqgha mad-dirigenti ta' l-Ghaqda kemm jista' jkun malajr halli jaraw xi problemi hemm. Il-kelliem qal li l-Kunsill m'ghandux jinsa li din hija Ghaqda li welled dan il-Kunsill u huwa dmir tal-Kunsill li din tissahhah. Il-kelliem talab lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, li tahtu jaqa' dan id-dikasteru, biex jiffissa data malajr kemm jista' jkun.

6.42. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.43. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4333/09/I** 12/08/2009 Kwotazzjoni minghand Ell's Urban Services Ltd. ghall-installazzjoni ta' 2 road humps bi tarmak fi Triq Cassino ghall-prezz ta' €1,292.78.

6.44. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4333/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li dawn ir-rati m'humiex skond ir-rati li hemm fil-kuntratt ta' Ell's Urban Services mal-Kunsill u allura ghandhom ikunu riveduti f'kaz li l-Kunsill japprova li jsiru dawn il-humps.

**46/4334/09/I** 12/08/2009 Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn talbu titwahhal fin-notice board tal-Kunsill id-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta dwar

akkwist ta' art f'Pembroke bhala parti mit-tenement numru 52735.

**46/4335/09/I** 12/08/2009 Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn talbu titwahhal fin-notice board tal-Kunsill id-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta dwar akkwist ta' art f'Pembroke tenement numru 51687.

6.45. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4334/09/I u 46/4335/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsilliera li milli jidher din l-art ser tkun qed tifforma parti mill-estenzjoni ghac-cimiterju gdid ta' Pembroke.

**46/4336/09/I** 12/08/2009 Ittra minghand is-Sur John Curmi li joqghod 23, Blk A, Triq il-Hawha, San Gwann fejn talab l-ghajnuna tal-Kunsill biex jiehu l-kamra li hemm fi Triq Mons. L. Mifsud Tommasi biex tintuza ghal skop kulturali ghall-karnival u jekk il-Kunsill jiddeciedi li jippartecipa fl-attivitajiet tal-karnival huwa lest li jaghti kull sapport lill-Kunsill.

6.46. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4336/09/I** is-Sindku Joe Zammit qal li bhal ma jaf il-Kunsill, il-Gvern kellu pjan ta' Centru Kummercjali ghal din iz-zona sa mill-bidu tal-1994 u skond in-North Harbour Local Plan. Il-kelliem qal l'issa li l-Gvern ma laqax it-talba tal-Kunsill ghad-devoluzzjoni tal-bini li kien jintuza bhala l-iskola Bice Mizzi Vassallo ghal Centru Civiku, il-Kunsill hass li dan il-post li qed issir riferenza ghalih huwa idejali biex iservi ghal Centru Anzjani u taz-Zghazagh flok l-iskola Bice Mizzi Vassallo u ghalhekk dan is-sinjur ghandu jigi nfurmat li t-talba tieghu ma tistax tigi milqugha.

6.47. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li t-talba tad-devoluzzjoni kienet ghad ma ntbaghtitx minhabba li l-Perit kien ghadu ma ffinalizzax l-istima, l-pjanti u r-rapport tieghu sabiex jigu sottomessa ma' l-applikazzjoni, izda ser tintbaghat fil-jiem li gejjien ghax kien propju llum li waslu d-dokumenti minghand il-Perit.

**46/4359/09/I** 13/08/2009 Newsletter mibghuta mill-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Convenant of Mayors.

6.48. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4359/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4360/09/I** 13/08/2009 E-mail minghand il-Kullegg Santa Klara mill-Principal Maria Ciappara fejn ipproponiet li bejn l-14 u 18 ta' Settembru l-Kunsill jinghaqad ma' grupp ta' gardinara li ser jigu mid-Direttorat kif ukoll mat-taqsima li jiehdu hsieb ic-cimiterji tal-Commonwealth biex isir tindif madwar l-iskola tal-Junior Lyceum u l-iskola Sekondarja.

**46/4599/09/I** 27/08/2009 E-mail minghand il-Kullegg ta' Santa Klara l-Principal Ms. Maria Ciappara fejn informat lill-Kunsill li bejn l-14 u 18 ta' Settembru ser isir tindif madwar l-iskejjel u talbu l-ghajnuna tal-Kunsill billi nipprovdu xi gardinara/handyman biex jaghtu daqqa t'id u nipprovdu xi trakkijiet/scammels biex igorru l-haxix hazin u mbarazz li se jingabar.

6.49. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4360/09/I u 46/4599/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill l-Kunsill kien ippartecipa billi pprovda zewg open skips.

**46/4377/09/I** 14/08/2009 E-mail li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ircieva minghand il-Kunsill Lokali Mellieha fejn baghat kopja t'abbozz tal-bye laws dwar attivitajiet fil-berah.

6.50. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4377/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din titkellem rigward barbeques u kampijiet fil-bajjiet li jiffurmaw it-territorji tal-Mellieha. Is-Sindku Joe Zammit qal li sta ghall-Kunsill ta' Pembroke jekk juzax din il-bye law biex jiehu ezempju halli jaghmel wahda simili.

**46/4388/09/I** 17/08/2009 Ittra minghand Midsea Books Ltd. fejn informaw lill-Kunsill li taw €100 vawcer li jissarraf f'kotba tal-klabb kotba maltin u Midsea Books mill-lista provduta.

6.51. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4388/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kull Kunsillier jista' jara l-lista ta' kotba u ssir ghazla minn dawn.

**46/4390/09/I** 17/08/2009 E-mail minghand is-Sinjura Jenny Kenna fejn b'riferenza ghall-ittra li baghtna nformat lill-Kunsill li huwa l-pjacir taghha li zzur Pembroke u l-librerija tal-lokal u ghandha l-intenzjoni li toffri ktieb kumplimentari u staqsiet meta tista' tigi bejn l-1 u 3 ta' Settembru 2009.

**46/4727/09/I** 02/09/2009 E-mail minghand Jenny Kenna fejn qed tirringrazzja lill-Kunsill tal-laqgha li kellha dwar il-pubblikazzjoni tal-ktieb taghha.

6.52. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4390/09/I u 46/4727/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li huwa u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kienu ltaqghu maghha nhar l-1 ta' Settembru 2009.

**46/4396/09/I** 17/08/2009 E-mail minghand is-sur G. Zammit li joqghod Triq il-Kurunell Lorenzo Manche' fejn irringrazzja l-Kunsill ghax-xoghol li beda tal-water culvert izda talab biex nghinuh tissolva l-problema minhabba li huwa ghandu problema t'ilma fil-garaxxijiet numru 26 u 28 fejn kull meta taghmel ix-xita l-ilma li jigi mill-bidu ta' Triq Dun Amabile Sisner u minn Triq Adelaide Cini jaffettwa l-imsemmija garaxxijiet skond il-pjanta annessa.

6.53. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4396/09/I** is-Sindku Joe Zammit qal li filwaqt li dan is-sinjur jigi nfurmat li x-xoghol tal-culvert qed isir mil-Gvern Centrali wara hidma u nsistenza mill-Kunsill ghal dawn l-ahhar 10 snin qal li t-talba tieghu titressaq quddiem il-Ministeru biex jekk jistghu waqt li qed isir ix-xoghol jispezzjonaw dan li qed jghid dan is-sinjur.

6.54. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fil-fatt fil-jiem li ghaddew waqt spezzjoni li kienu qed jaghmlu huwa u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, wasal l-Onor. Ministru G. Pullicino fejn fil-prezenza tal-Perit u teknici ohra kemm tal-Ministru kif ukoll tad-Dipartiment koncernat qablu li din it-talba tigi milqugha u fil-fatt ser issir estenzjoni tal-culvert biex tissolva din il-problema. Il-kelliem qal li ghalhekk din it-talba diga kienet saret.

**46/4428/09/I** 19/08/2009 Ittra minghand l-Awtorita' tad-Djar fejn b'riferenza ghax-xoghol tad-dawl li tlesta madwar Sit F talbu l-Kunsill jinfurmhom bil-kuntrattur li ha t-tender u l-ammont li rebah it-tender kif ukoll nibghatu kopja ta' l-ircevuta li turi li sar il-hlas ghal dawn ix-xoghlijiet.

6.55. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4428/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li huwa nfurmat li l-informazzjoni mitluba ser tintbaghat la darba l-Kunsill jircievi l-fattura minghand il-kumpanija E. Calleja & Sons u jsir il-hlas relatat mill-Kunsill.

6.56. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-kont finali ser ikun ftit aktar minn dak stmat fit-tender minhabba li saru xi varjazzjonijiet zghar, liema xoghol gie ccertifikat mill-Inginier Casha li tqabbad mill-Kunsill.

**46/4459/09/I** 20/08/2009 Ittra minghand l-iskola Verdala International fejn b'riferenza ghall-laqgha li saret ikkonferma li l-iskola lesta thallas is-somma ta' €646.39 nofs l-ispiza biex isiru 2 road humps fi Triq Cassino skond il-kwotazzjoni mibghuta mill-Ell's Urban Services u talab li ghandhom isiru sa qabel ma tibda l-iskola.

**46/4512/09/I** 24/08/2009 E-mail minghand Dr. Luciano Busuttil fejn b'riferenza ghar-road humps ta' Triq Cassino nforma l-Kunsill li ladarba l-ADT approvathom ikun ahjar li jsiru halli l-Kunsill ma jkollu l-ebda responsabilita'.

**46/4534/09/O** 24/08/2009 Ittra li s-Sindku Joe Zammit baghat lill-Kunsilliera fejn b'riferenza ghar-road humps ta' Triq Cassino, qed jirrakomanda li wara l-ittra tal-Verdala fejn accettaw li jhallsu ghal road hump wahda u r-risposta ta' l-avukat qed jipproponi biex is-Segretarju Ezekuttiv jinghata l-approvazzjoni sabiex tinhareg works order lill-kuntrattur Ell's Urban Services sabiex isir dan ix-xoghol.

6.57. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4459/09/I, 46/4512/09/I u 46/4534/09/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li wara li fl-ahhar laqgha il-Kunsill kien talab lill-Avukat il-kummenti tieghu u parir minhabba li jista' kulhadd juza il-kliem 'responsabbli' kif ukoll fid-dawl li dan kien informa lill-Kunsill li la darba l-ADT approvat li jsiru dawn il-humps, il-Kunsill issa responsabbli li jaghmilhom (ara korrispondenza 46/4512/09/I); kif ukoll ghall-ittra tas-Segretarju li kull nefqa trid tkun deciza fil-laqgha tal-Kunsill; u li huwa ma sejjahx laqgha b'urgenza ghax hadt mill-Kunsilliera m'iffirma l-e-mail li hareg (ara korrispondenza 46/4534/09/I); allura issa qed jitlob lill-Kunsill biex jiddeciedi fuq din il-materja.

6.58. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li huwa xorta ghadu jhoss li dawn il-humps ser joholqu periklu ghat-tfal li jiffrekwentaw din l-iskola kif ukoll li jhoss li hemm sistemi ohra ta' kif wiehed jista' jikkontrolla t-traffiku fosthom traffic lights. Intant il-kelliem ippropona biex il-Kunsill jikteb lill-ADT fejn ikompli jinsisti li ma jaqbilx li jsiru dawn il-humps kif ukoll li jitlob lill-ADT biex jerga' jistudja din il-materja u jara x'sistemi jista' jimplimenta li huma ahjar minn humps u jsiru mill-ADT bil-fondi taghhom.

6.59. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.60. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4461/09/I** 20/08/2009 Ittra minghand il-Caritas is-Sur Jeff Muscat fejn qed jikteb f'isem ir-residenti ta' San Blas fejn informaw lill-Kunsill li nhar il-Gimgha 25 ta' Settembru ser jorganizzaw attivita' bejn is-7.00pm u l-11.00pm u jixtiequ jigbru sponsor ta' €2,000 biex jikkaverja parti mill-ispejjez ta' l-attivita'.

6.61. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4461/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaghti donazzjoni ta' € 50.00.

6.62. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.63. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4465/09/I** 20/08/2009 Ittra minghand il-Bord ta' l-Evalwazzjoni ta' l-Iskema Energy Saving fejn informaw lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Kunsill ghall-iskema ta' energy

**46/4540/09/I** 25/08/2009 saving giet riveduta u minflok €4,800 ser jinghataw €8,200.

6.64. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4465/09/I u 46/4540/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l'ssa s-somma giet riveduta l-Kunsill ghandu jiehu sehem f'din l-inizjattiva u ghandu jipprepara biex johrog it-tender.

6.65. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.66. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.67. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill kif ser jiffinanzja d-diferenza li ser ikun hemm bejn l-allokazzjoni tal-Gvern ta' € 8,200 u bejn € 12,120. Il-kelliem staqsa ukoll minn ser jaghmel dan id-dokument tekniku.

6.68. Is-Sindku Joe Zammit qal li kien ser jivverifika dwar dan.

**46/4474/09/I** 20/08/2009 E-mail minghand is-Sur Simon Azzopardi fejn talab il-permess tal-Kunsill biex jorganizza BBQ nhar it-28 ta' Awwissu 2009 fuq il-konkret fi Triq Martin Luther King.

6.69. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4474/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan is-sinjur kien gie l-Kunsill u ghamel il-permess necessarju.

**46/4486/09/I** 21/08/2009 Kwotazzjoni minghand is-Sur Anthony Mifsud Bonnici Giordani ghall-banner ghall-prezz ta' €14 bil-VAT inkluz.

6.70. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4486/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4492/09/I** 21/08/2009 **46/4621/09/I** 28/08/2009 Ittra minghand Banif Bank fejn qed jinfurmaw lill-Kunsill li huma nteressati fil-proposta tal-Kunsill dwar servizzi bankarji fil-Kunsill u servizz ta' ATM u talbu laqgha mal-Kunsill.

6.71. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4492/09/I u 46/4621/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob laqgha ma' dawn is-sinjuri kemm jista' jkun malajr.

6.72. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.73. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4503/09/I** 21/08/2009 Memo 49/2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn qed jigbor informazzjoni dwar certu infieq li ghamlu l-Kunsilli Lokali fis-sena finanzjarja 2008/2009.

6.74. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4503/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien ha hsieb biex baghat dak rikjest mid-Dipartiment.

**46/4528/09/I** 24/08/2009 Ittra mill-iskola Verdala International fejn informaw lill-Kunsill li x-xoghol tal-pitch ta' l-iskola ghandu jkun finallizzat bejn 6 sa 8 gimghat ohra u staqsa x'applikazzjoni hemm bzonn l-issir biex isiru no parking lines quddiem il-gate.

6.75. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4528/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jinforma lid-dirigenti tal-Verdala International School biex japplikaw ghall-permess mal-MEPA u mad-Dipartiment ta' l-Artijiet biex tinfethat din il-gate. Il-Kelliem qal li mhux kompitu tal-Kunsill li jaghti dan il-permess. Il-kelliem qal l'intant kien sar rapport lill-MEPA rigward trabijiet u nuqqasijiet fuq is-

sit tax-xoghol fuq talba tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli wara li kienu kellmuh residenti minn din iz-zona.

6.76. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li ghandha tinkiteb ittra lir-residenti ta' l-akwata rigward l-izvilupp li qed isir kif ukoll li tintalab laqgha maghhom.

6.77. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4548/09/I** 25/08/2009 E-mail minghand Dr. Natasha Buontempo fejn informat lill-Kunsill li hija tghallem il-privat ta' l-Ingliz u ghada kemm fethet klassi gdida fl-Imsida u qed toffri zewg korsijiet kumplimentari ta' hames gimghat lill-izghar resident ghal preparazzjoni ta' O' Level ta' l-Ingliz.

**46/4842/09/I** 09/09/2009 Ittra minghand Dr. Natasha Buontempo toffri li taghmel lezzjonijiet minghajr hlas bhala preparazzjoni ghall-ezami ta' l-O Level ta' l-Ingliz.

6.78. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4548/09/I u 46/4842/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex din il-proposta ssir fuq il-leaflet li titqassam fid-djar tal-lokal.

6.79. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.80. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4566/09/I** 26/08/2009 Ittra minghand il-Korporazzjoni Enemalta fejn informaw lill-Kunsill li rcievew l-ittra datata 27 ta' Lulju 2009 dwar il-problema ta' nuqqas ta' dawl u nformaw lill-Kunsill li skond il-legislazzjoni 363.91 ir-responsabilita' ta' installazzjoni ta' dawl gdid giet delegata l-Kunsill izda l-Enemalta lesta li taghti kwotazzjoni ghax-xoghol li hemm bzonn isir bir-rati li huma kompetittivi u jekk il-Kunsill huwa nteressat talab naghmlu komunikat mas-Sur Antoine Muscat.

**46/4663/09/I** 01/09/2009 Ittra minghand il-Korporazzjoni Enemalta jinfurmaw lill-Kunsill li gew approvata 3 lampi fit-Triq li minn Triq il-Mediterran taghti ghall-ground ta' Pembroke Athleta Sports Club ghalkemm il-Korporazzjoni trid tipprovdi stima lill-Kunsill minhabba li l-provvista tad-dawl tinsab aktar minn 150 metru boghod.

6.81. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4566/09/I u 46/4663/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li jidher li t-talba tal-Kunsill ghall-ghajnuna finanzjarja, ma' dik l'ivvota l-Kunsill, lill-Ministeru/Enemalta ma gietx accettata biex isir id-dawl fit-triq li taghti ghall-Pembroke Athleta. Il-kelliem qal li l-Kunsill ghandu jistenna u jara jekk it-tieni talba li saret taht l-iskema ta' progetti specjali tkunx milqugha. Il-kelliem intant talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex jindaga jekk il-Kunsill jistax jitlob kwotazzjoni lill-Korporazzjoni Enemalta kif issugerit mill-Enemalta stess.

6.82. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li m'hemm xejn x'izomm lill-Kunsill milli jigbor kwotazzjoni. Il-kelliem izda fakkar li jekk l-ammont jaqbez dak stipulat fir-regolamenti finanzjarji, hemm process li jkun irid jigi segwit ta' kwotazzjonijiet jew tenders. Il-kelliem fakkar lill-Kunsill ukoll li l-Kunsill diga ghandu kuntrattur ghal dan ix-xoghol u ghalhekk il-Kunsill ma jistax legalment iqabbad kuntrattur iehor.

6.83. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li meta l-Kunsill ikollu risposta rigward din it-talba minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u jekk din it-talba tkun fin-negattiv, allura l-Kunsill ghandu jinforma lill-Pembroke Athleta Club li mhux tort tal-Kunsill li ma wasalx biex sar id-dawl kollu kif ukoll l'issir press release fuq dan il-punt. Il-

kelliem ippropona li l-Kunsill ghandu jara f'laqgha ohra jekk isirux dawn l-ewwel 3 lampi.

6.84. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.85. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.86. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li minn informazzjoni li ghandu jidher li l-ADT ser jaghmlu l-bankina nkluz il-pipe fit-triq indikata, liema xoghol ser ifisser li jigu frankati hafna flus lill-Kunsill.

**46/4569/09/I** 26/08/2009 Ittra minghand l-Awtorita' tad-Djar fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill datata 11 ta' Awwissu 2009 dwar il-kontijiet tad-dawl tal-komun ta' Sit B, informaw lill-Kunsill li l-awtorita'mhux ser terfa' r-responsabilita' li thallas ghas-servizz tad-dawl u ssugerew li jibdew diskussjonijiet mal-Korporazzjoni Enemalta biex jigi stabbilit jekk dawn il-kontijiet ghandhomx jithallsu mill-Kunsill jew mill-Korporazzjoni Enemalta jew direttament mill-Gvern Centrali.

**46/4592/09/I** 27/08/2009 Ittra minghand l-Awtorita' tad-Djar fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill datata 11 ta' Awwissu 2009 dwar bidla tal-konsumatur tal-meter tad-dawl ta' sistema f'zona esterna madwar Sit B infurmaw lill-Kunsill li mhux kompitu tal-Awtorita' tad-Djar li thallas ghal konsum tad-dawl f'zoni pubblici u minhabba devoluzzjoni tal-art in kwistjoni talbu niddiskutu l-kaz mad-Dipartiment/Ministeru koncernat.

6.87. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4569/09/I u 46/4592/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fil-gimghat li ghaddew kien ircieva d-dar tieghu notice of suspension tad-dawl taz-zona ta' Sit B. Il-kelliem qal li din il-kwistjoni tad-dawl issa twalet izzejjed u saret farsa tad-dahk u ghalhekk talab lill-Kunsill biex issir press conference on site fejn jigu nfurmati ukoll ir-residenti koncernati b'dan. Is-Sindku Joe Zammit qal li meta wiehed ihares lejn id-dawl ta' Sit B u issa ta' Sit F li gie imqabbad ma' street lighting ma jistax jifhem x'hemm problemi. Il-kelliem qal li wiehed jispera li r-raguni tirbah halli dawk il-flejjes jintuzaw mal-vot tat-Triq li taghti ghall-klabb ta' Pembroke Athleta.

**46/4611/09/I** 28/08/2009 E-mail minghand The Anna Lindh Foundation fejn informaw lill-Kunsill li ser jorganizzaw laqgha bl-isem 'Challenges & Solutions for Inter-religious Coexistence in the Euro-Mediterranean Region' li ser issir bejn is-26 u 29 ta' Ottubru 2009 gewwa Tirana fl-Albanija.

6.88. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4611/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-konferenza titratta l-aktar fuq kultura u hemm kollox imhallas. Il-kelliem qal ukoll li jekk hadd ma jista' jmur allura tista' tmur il-Kunsillier Vella Brincat ghax tal-Kultura.

6.89. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li d-data ta' skadenza kienet ghaddiet u kemm il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kif ukoll il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ma kienux interessati li jattendu.

**46/4623/09/I** 28/08/2009 E-mail minghand is-Sur Mario Borg is-Segretarjat Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni fejn baghtu ittra ta' taghrif dwar il-Quiz li jitratta l-Unjoni Ewropea u qed iheggu l-Kunsill biex jippartecipa.

6.90. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4623/09/I** is-Sindku Joe Zammit staqsa jekk li l-Kunsill jistax iqassam din l-informazzjoni fid-djar tal-lokal.

6.91. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li d-data ta' skadenza kienet ghaddiet.

**46/4627/09/I** 28/08/2009 E-mail minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali fejn informa l-Kunsill bil-laqgha statutorji li ser isiru nhar id-19 ta' Settembru 2009 – Laqgha ghall-Kunsilliera kollha tar-Regjun Xlokk u fis-6 u 7 ta' Novembru – Laqgha ghas-Sindki / Vici Sindki ta' Malta u Ghawdex li ser issir fir-Regjun tax-Xlokk.

6.92. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4627/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4635/09/I** 31/08/2009 Risposta minghand is-Sur Denis A. Darmanin dwar il-pubblikazzjoni ta' ktieb dwar il-lokal b'diversi kummenti.

6.93. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4635/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li fid-dawl l'issa l-Kunsill ghandu l-approvazzjoni tad-drittijiet tal-pubblikazzjoni tal-ktieb, ippropona biex tinhareg sejha ghall-offerti minn pubblikaturi biex ikun ippubblikat dan il-ktieb rigward Pembroke.

6.94. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lis-Sindku Joe Zammit kif il-Kunsill bi hsiebu jiffinanzja dan il-ktieb kif ukoll kemm hemm il-hsieb li jigu ppubblikati kotba.

6.95. Is-Sindku Joe Zammit qal li bejn 200, 500 jew 1,000 kopja.

6.96. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda l-proposta tas-Sindku.

6.97. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4641/09/I** 31/08/2009 E-mail minghand il-kumpanija Glass Creations jintroducu l-prodotti taghhom li jistghu jintuzaw f'xi attivita' tal-Kunsill.

6.98. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4641/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4650/09/I** 31/08/2009 Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Kura Primarja jinforma lill-Kunsill dwar il-kampanja tal-vaccin ta' l-influwenza ghal din is-sena fejn qed jitlob li jinghataw lista tal-persuni nteressati li jiehdu l-vaccin u li ghandhom mard kroniku jew il-fuq minn 55 sena.

6.99. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4650/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li kienet saret flyer u ntbghatet fid-djar fejn issa l-Kunsill diga beda jircievi applikazzjonijiet ghal dan is-servizz.

6.100. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill jekk is-servizz huwiex ser jinghata nhar t'Erbgha waqt il-hinijiet tal-Berga jew minn xi kumpanija ohra kif sar is-sena li ghaddiet.

6.101. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jaghmel uzu mis-servizzi tal-kumpanija Novitas kif sar fil-passat.

6.102. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.103. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4662/09/I** 01/09/2009 Kopja ta' ittra li s-Sindku Joe Zammit ircieva minghand il-Korporazzjoni Enemalta dwar sospenzjoni tal-provvista tad-dawl ta' Sit A jekk kemm il-darba ma jithallasx il-kont dovut.

6.104. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4662/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li sallum id-dawl tad-dar tieghu kif ukoll ta’ Sit B kien ghadu ma nqatax. Fid-dawl ta’ dan il-kelliem ippropona biex l-avukat tal-Kunsill jibda proceduri nkluz kawza legali, jekk hemm, biex jitnehha ismu minn fuq il-kontijiet u fl-istess hin il-Kunsill jiehu parir jekk la darba l-Kunsill qatt m’accetta ir-responsabilita’ tal-hlas ghal dan id-dawl, ghaliex ghandu il-Kunsill iwarrab flejjes kull darba li jircievi kont meta dawn il-flejjes jistghu jintuzaw f’affarijiet ohra.

6.105. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.106. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4664/09/I** 01/09/2009 Ittra minghand il-Korporazzjoni Enemalta jinfurmaw lill-Kunsill li giet approvata li tigi nstallata lampa f’Misrah il-Paci ghalkemm il-Korporazzjoni trid tipprovdi stima lill-Kunsill minhabba li l-provvista tad-dawl tinsab aktar minn 150 metru boghod.

6.107. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4664/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jitlob lill-Korporazzjoni Enemalta ghal din l-istima.

6.108. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.109. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.110. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa kien diga talab laqgha mal-persuna koncernata ghal dan sabiex issir spezzjoni fuq il-post.

**46/4665/09/I** 01/09/2009 Ittra minghand il-Korporazzjoni Enemalta jinfurmaw lill-Kunsill li giet approvata li tigi nstallata lampa fuq dar 38 Triq il-Mediterran.

6.111. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4665/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova l-installazzjoni ta’ din il-lampa ghalkemm l-ordni tax-xoghol ghandha tohrog wara li jkun hemm fondi bizzejjed u wara li terga’ tigi approvata n-nefqa relatata mill-Kunsill.

6.112. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.113. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4666/09/I** 01/09/2009 Ittra minghand il-Korporazzjoni Enemalta jinfurmaw lill-Kunsill li approvaw li ssir lampa fi Triq Manuel Buhagiar.

6.114. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4666/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova l-installazzjoni ta’ din il-lampa ghalkemm l-ordni tax-xoghol ghandha tohrog wara li jkun hemm fondi bizzejjed u wara li terga’ tigi approvata n-nefqa relatata mill-Kunsill.

6.115. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.116. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4671/09/I** 01/09/2009 E-mail minghand il-kumpanija Redorange Image Consultants Ltd. jitolbu permess sabiex jaghmlu uzu minn parti mill-Ex Parade Ground nhar il-Hadd 27 ta’ Settembru 2009 bejn il-11.30am u 1.00pm.

**46/4913/09/I** 14/09/2009 Ittra minghand il-kumpanija Redorange Image Consultants Ltd. jitolbu l-permess tal-Kunsill sabiex nhar il-Hadd 27 ta’ Settembru bejn il-11.30am u 1.00pm jaghmlu uzu minn parti mill-Ex Parade Ground.

6.117. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4671/09/I u 46/4913/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova dan il-permess ghal din l-attivita' u jattendi l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli bhala l-Kunsillier responsabbli minn sports u zghazagh.

6.118. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.119. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4672/09/I** 01/09/2009 E-mail minghand l-LES Joint Committee bil-Minuti tal-laqgha specjali li saret fil-jiem li ghaddew.

6.120. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4672/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4683/09/I** 01/09/2009 Ittra minghand il-MEPA jitolbu dikjarazzjoni minghand il-Kunsill dwar id-dewmien biex isir uzu minn fondi ta' Urban Imporvement Fund's.

6.121. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4683/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-perit tal-Kunsill kien wiegeb ghal din id-domanda tal-MEPA.

**46/4688/09/I** 01/09/2009 Ittra minghand l-Onor. Chris Said jitlob il-koperazzjoni tal-Kunsill Lokali ma' kumpaniji ghall-gbid ta' films f'Malta inkluz li jfakkar li Kunsill ma jistghux jitolbu hlasijiet relatata.

6.122. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4688/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4692/09/I** 01/09/2009 Ittra minghand is-Segretarjat Parlamentari ghall-Anzjani u l-Kura fil-Komunita' jinfurmaw lill-Kunsill li l-applikazzjonijiet ghan-nomini ghall-Premju Anzjan tas-sena jaghlqu nhar l-Erbgha 9 ta' Settembru 2009.

6.123. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4692/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kien hemm hadd li gie nominat ghal dan il-premju mill-Kunsill ta' Pembroke u dan wara li saret konsultazzjoni mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli li huwa responsabbli mill-Anzjani.

**46/4707/09/I** 02/09/2009 Ittra minghand l-Avv. Franco Galea f'isem il-kumpanija Tal-General Co. Ltd. jinforma lill-Kunsill li l-klijent tieghu m'ghandu ebda responsabilita' u/jew htija fir-rigward ta' xi danni sofferti mir-residenti meta dawn gherqu bl-ilma nhar it-13 ta' Awwissu 2009.

6.124. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4707/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4709/09/I** 02/09/2009 Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jinfurmaw lill-Kunsill li l-investigazzjoni li kienet saret mill-Pulizija dwar allegat ksur tar-regolamenti finanzjarji konnessi ma' ghoti ta' tender fil-Kunsill gew konkluza u ma kienx hemm lok li jipprocedu ghall-azzjoni kriminali.

6.125. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4709/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4710/09/I** 02/09/2009 Ittra minghand il-Korporazzjoni Enemalta tinforma lill-Kunsill li d-dawl li hemm Sit A huwa fir-responsabilita' ta' l-Awtorita' tad-Djar u ghalhekk kull manutenzjoni necessarja hija ta' l-istess Awtorita'.

6.126. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4710/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din l-ittra tintbaghat lill-Awtorita' tad-Djar.

6.127. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.128. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4736/09/I** 03/09/2009 Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jinfurmaw lill-Kunsill li l-istima li ghandha tintuza ghall-kuntratt ghall-gbir ta' skar ghandha tkun l-allokazzjoni li l-Gvern alloka lill-Kunsill.

6.129. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4736/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4754/09/I** 04/09/2009 Ittra minghand il-Ministeru ghar-Rizorsi u ghall-Affarijiet Rurali jitlob lill-Kunsill sabiex jigbor minghand ir-residenti koncernati stimi u rapporti ta' hsarat li sofrew sabiex ikunu jistghu jiehdu azzjoni mill-aktar fiss.

6.130. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4754/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Kunsill immedjatament hekk kif il-Kunsill ircieva din l-ittra l-Kunsill ha hsieb u nforma lir-residenti koncernati b'dan. Il-kelliem ippropona li l-informazzjoni migbura ghandha tintbaghat lill-Ministeru kif mitlub.

6.131. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.132. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.133. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kienu biss 6 li baghtu l-informazzjoni mitluba.

**46/4758/09/I** 04/09/2009 Ittra minghand l-ADT jinfurmaw lill-Kunsill li ma gietx approvata t-talba sabiex issir road hump fi Triq Pietru D'Armenia.

6.134. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4758/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jinforma lir-residenti koncernati b'dan.

6.135. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.136. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4772/09/I** 04/09/2009 Ilment minghand Ms. Roberta Ferrante dwar problema li hemm bejn il-girien f'Sit A dwar il-parking fil-basement.

6.137. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4772/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-persuna tigi nfurmata sabiex tipprocedi personalment.

6.138. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.139. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4778/09/I** 04/09/2009 Kopja t'ilment li l-MTA irceviet minghand is-sur Ray Woods dwar nuqqas ta' litter bins fi Triq il-Mediterran kif ukoll hmieg fin-nizla ghall-bajja San Gorg

6.140. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4778/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4786/09/I** 04/09/2009 Ittra minghand il-Perit tal-Kunsill Kevin Fsadni jinforma lill-Kunsill li biex jitnehha c-chain link fence li hemm bejn l-art mikrija ghand il-Kunsill u s-sit tal-Verdala International School u minflok isir hajt tal-franka hemm bzonn li jinkiseb il-permess tal-MEPA qabel isir ix-xoghol.

6.141. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4786/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill iqabbad lill-Perit sabiex japplika ghall-permessi necessarja tal-MEPA.

6.142. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.143. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4787/09/I** 04/09/2009 Ittra minghand il-Perit tal-Kunsill Kevin Fsadni jinforma lill-Kunsill li mhux facli li jinhareg permess mill-MEPA sabiex jinbena sular iehor fuq l-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill.

6.144. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4787/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill iqabbad lill-Perit sabiex jivverifika jekk jistax tigi zviluppata l-parkegg tal-Kunsill minflok li jsir sular iehor minhabba diffikultajiet li jista' jkun hemm.

6.145. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.146. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4792/09/I** 07/09/2009 Ittra minghand il-kumpanija E. Calleja & Sons jinfurmaw lill-Kunsill li qed jistennew struzzjonijiet minghand il-Perit tal-Kunsill sabiex isir ix-xoghol fi Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

6.147. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4792/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li huwa nfurmat li l-Perit qieghed f'kuntatt ma' dan il-kuntrattur.

**46/4799/09/I** 07/09/2009 Ittra minghand il-Perit tal-Kunsill Kevin Fsadni jaghti parir lill-Kunsill dwar ix-xoghol li ghandu jsir fi Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta bil-fondi tal-UIF.

6.148. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4799/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jibda l-process ghall-hrug ta' tenders jew kwotazzjonijiet skond ir-rakkomandazzjonijiet tal-Perit tal-Kunsill.

6.149. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.150. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4805/09/I** 07/09/2009 Ittra minghand is-sur Mark Falzon jissuggerixxi l'issir bibita zghira lit-tfal li ppartecipaw fl-attivita' ta' story telling.

**46/4914/09/I** 14/09/2009 E-mail minghand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat tinforma lill-Kunsill li hija ma taqbilx mat-talba tas-sur Mark Falzon.

6.151. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4805/09/I u 46/4914/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li ghalkemm din l-attivita' taghmel parti minn ezercizzju ta' studju tas-sur Mark Falzon, ma' dan kollu dak li qed jaghmel qed isir ghat-tfal tal-lokal tant li dan qabel mieghu l-Kunsill u sahansitra qassam leaflet biex iheggeg tfal mill-lokal jattendu. Il-kelliem fakkar li l-Kunsill kien tkellem fuq attivita' bhal din u kien ser jorganizza din it-tip ta' attivita'. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet offriet li taghmel story telling u ghalhekk ma jistax jaqbel mal-kummenti taghha. Fid-dawl ta' dan kollu l-kelliem ippropona biex it-talba taz-zghazugh Mark Falzon tkun milqugha u jingabru t-tfal li hadu sehem u ssir bibita zghira ghalihom bi spiza li ma tkunx t'aktar minn € 100.00.

6.152. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg issugerixxa li dawn it-tfal minflok bibita jinghataw xi ktieb bhala tifkira fid-dawl li l-attivita' kellha konnesjoni mal-ktieb.

6.153. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit zied mal-propsota tieghu biex il-Kunsill jikteb ittra lill-Merlin Library ghal donazzjoni ta' kotba bhal ma sar fil-passat.

6.154. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u qal li huwa ser jiehu hsieb li jigi ppreparat l-ikel. Il-kelliem qal li ser jikkomunika mas-sur Mark Falzon dwar il-gurnata ta' l-attivita'.

6.155. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4815/09/I** 07/09/2009 Ittra minghand Patrick Pace mis-sezzjoni 34U jitolbu nformazzjoni minghand il-Kunsill ghal siti fejn jistghu jinzerghu aktar sigar fil-lokal.

6.156. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4815/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-laqgha li saret fil-Kunsill xi gimghat ilu, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghamel dawra madwar Pembroke flimkien mas-Sur Pace mill-kampanja 34U fejn saret pjanta tal-lokal u gew indikat l-postijiet fejn jista' jsir thawwil ta' sigar u pjanti.

**46/4819/09/I** 07/09/2009 Ittra minghand il-librar Albert Farrugia jinforma lill-Kunsill li mhux lest li jkompli bis-servizzi ta' librar wara nhar il-Gimgha 9 ta' Ottubru 2009.

6.157. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4819/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li minhabba li z-zmien huwa kontra l-Kunsill, huwa kien ta struzzjonijiet lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex immedjatament jinhareg l-avviz ghal servizz ta' librar. Il-kelliem qal ukoll li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien infurmah li jista' jaghti l-kaz li jkun hemm perjodu fejn il-Kunsill jispicca minghajr librar u ghalhekk il-librerija ser tkun maghluqa. Il-kelliem informa lill-Kunsill li l-applikazzjonijiet kienu ser jaghlqu nhar il-Hamis 24 ta' Settembru 2009.

6.158. Is-Sindku Joe Zammit qal ukoll li ghandu jsir komunikat mal-librar sabiex dan jara li qabel jispicca jaghti s-servizz tieghu ghandu jara li l-kotba li hemm mislufa jigu ritornati kollha lura lill-Kunsill. Il-kelliem qal ukoll l'invista li l-aplikazzjonijiet jaghlqu nhar l-24 ta' Settembru u peress li huwa ser ikun imsiefer, il-membri l-ohra tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ghandom jaraw li jaslu ghall-ghazla biex ma jintilifx hin li jinstab librar/a iehor.

**46/4835/09/I** 09/09/2009 Ittra minghand il-Perit Kevin Fsadni jinforma lill-Kunsill li jkun ghaqli li x-xoghol tad-dawl ta' Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta jsir wara li jkun sar ix-xoghol infrastrutturali.

6.159. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4835/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4840/09/I** 09/09/2009 Proposta minghand l-AKL tistieden lill-Kunsill Lokali kollha jippartecipaw fil-programm ta' l-EU Life + bit-tema Green Communities.

6.160. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4840/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill Lokali Pembroke jippartecipa f'dan il-progett.

6.161. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.162. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4869/09/I** 10/09/2009 Ittra minghand Ms. Caroline Nathan titlob lill-Kunsill li jsiru tabelli adegwati bl-isem tat-triq fejn toqghod.

6.163. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4869/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.164. Is-Sindku Joe Zammit qal li ghandu jigi avvicinat il-pustier sabiex tigi solvuta din il-problema.

**46/4873/09/I** Ittra minghand Ms. Daniela Muscat titlob lill-Kunsill biex jigi rrangat hajt li

10/09/2009 hemm fi Triq Pietro Rossell.

6.165. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4873/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.166. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg xtaq ikun jaf x'ser isir dwar dan l-ilment.

6.167. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jirranga l-hsara li hemm u jintalab il-permess tad-dipartiment sabiex dan ix-xoghol jinhareg mill-vot taz-zamma u manutenzjoni tat-toroq wara li jintalab il-permess tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

6.168. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.169. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4886/09/I** 11/09/2009 Ittra minghand il-Pedjatrista David Meilak fejn qed joffri s-servizzi tieghu lill-Kunsill sabiex isiru diskussjonijiet u qed jitlob laqgha mal-Kunsillier responsabbli mill-anzjani.

6.170. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4886/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaghmel din il-laqgha mas-sur David Meilak.

6.171. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.172. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4925/09/I** 15/09/2009 Kwotazzjoni minghand kumpanija privata ghall-provista ta' *'dummy CCTV security indoor / outdoor camera'*.

6.173. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4925/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4930/09/I** 15/09/2009 Ittra minghand Melita plc jinfurmaw lill-Kunsill li s-servizz tat-televizjoni XL inkluz l-istazzjonijiet ta' Sports qed jigu offerti ghall-prezz ta' € 58.23 fix-xahar.

6.174. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4930/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4962/09/I** 17/09/2009 Ittra minghand Ian Jones fejn baghat ghotja ta' kotba minn Ferndown Town Council, Ingilterra.

6.175. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4962/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jibghat ittra ta' ringrazzjament.

6.176. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.177. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4964/09/I** 17/09/2009 Ittra minghand Northern Cleaning Co-Operative Limited jinfurmaw lill-Kunsill li l-kumpanija mhux ser tibqa' tipprovdi aktar is-servizz tal-gbir ta' l-iskart wara t-30 ta Settembru 2009 kif ukoll li huma rrakkomandaw li s-servizz jinghata mis-sur Paul Vella l'accetta li jaghmel dan sas-16 ta' Ottubru 2009.

6.178. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4964/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.179. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li l-kuntratt tal-gbir ta' skart jiskadi fl-ahhar ta' Ottubru 2009.

6.180. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-kuntrattur jigi nfurmat li l-kuntratt li ghandu l-Kunsill jiskadi fl-ahhar ta' Ottubru u ghalhekk ghandu jibqa' joffri dan is-servizz.

6.181. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.182. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4967/09/I** 17/09/2009 Ittra minghand l-ETC jinfurmaw lill-Kunsill lit-talba tal-Kunsill sabiex l-ETC tissupplixxi mwejjed lill-Kunsill sabiex isiru korsijiet ma gietx milqugha kif ukoll issuggerew li jekk il-Kunsill ma jistax jipprovdi mwejjed jista' jsir kors wiehed biss konness ma' Women for Employment.

6.183. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4967/09/I** is-Sindku Joe Zammit fakkar lill-Kunsill li kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob sponsor lill-ETC biex jinxtraw dawn il-hanging tablets ta' mas-siggijiet u jekk dawn ma jaccettawx il-Kunsill jiddiskuti jekk hemmx finanzi biex jinxtraw. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona biex wara li jsir il-Quarter Financial Report li jkopri l-perjodu Lulju – Settembru, il-Kunsill jezamina l-qaghda finanzjarja tal-Kunsill u wara jigi deciz jekk jinxtrawx jew le.

6.184. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.185. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4975/09/I** 17/09/2009 Ittra minghand il-familji Seychell u Mangion li joqghodu Blokk A9 Flat 1 u 2 li wara li rringrazzjaw lill-Vici Sindku u lill-Kunsill tal-impenn biex tnadfet il-planter ta' quddiemhom qed jitolbu l-permess tal-Kunsill sabiex minghajr ebda pretenzjoni jindukraw bicca art li hemm fuq wara tal-propjeta' taghhom.

6.186. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4975/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li bhal ma' sar ma' hafna familji li ghandhom quddiemhom fethiet li xi kultant jispiccaw mizbla, il-Kunsill ghandu jinghata l-permess bla pretenzjoni fuq l-art biex dawn is-sinjuri b'sens civiku jharsu u jzommu din il-fetha nadifa.

6.187. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.188. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Konguntí ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghall-Minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kumitat Kongunt.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li ma jidher li ma hemmx attivitajiet godda ghall-gimghat li gejjien.

## 09. Tigdid ta' kuntratti.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li t-tenders ghall-Gbir ta' Skart Goff (Bulky Refuse) u Watering of Trees ser jiskadu fl-ahhar ta' Ottubru 2009. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li dawn jinhargu mill-gdid, li l-avvizi jiskadu il-Gimgha 30 ta' Ottubru 2009 fil-11.00am u li l-mizata tkun ta' € 50.00 ghal kull dokument. Il-kelliem

ippropona ukoll li l-offerti prezenti, jekk il-kuntrattur jaccettaw, ghandhom jiggeddu sa l-ahhar ta' Novembru 2009.

9.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.04. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li t-tender tal-Perizja; Tender for Cleaning and Embellishment of Urban, Non Urban and Open Areas within Pembroke Boundaries; Tender for Maintenance of Traffic Signs; Tender for Cleaning & Manitenance of Parks & Gardens; Tender for the Maintenance Construction & Reconstruction of Pavements (J&K Contractors) u Tender for the Maintenance Construction & Reconstruction of Roads (Ell's Urban Services) li jiskadu fl-ahhar ta' Novembru 2009 ghandhom jiggeddu sa l-ahhar ta' Novembru 2010.

9.05. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.07. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li t-Tender Maintenance of Road Markings li jiskadi fl-ahhar ta' Ottubru 2009 ghandu jigi mgedded sa l-ahhar ta' Novembru 2010.

9.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.10. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill it-tender tal-gbir ta' l-iskart kif propost mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kif ukoll l-AKL. **(Ara dokument O)**

9.11. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li t-Tender Collection of Mixed Household Waste ghandha tinhareg, li l-avvizi jiskadu il-Gimgha 30 ta' Ottubru 2009 fil-11.00am u li l-mizata tkun ta' € 50.00 ghal kull dokument. Il-kelliem ippropona ukoll li l-offerti prezenti, jekk il-kuntrattur jaccetta, ghandu jiggeded sa l-ahhar ta' Novembru 2009. Il-kelliem ippropona li s-servizz ghandu jintalab ghal minimu 4 t'ijiem u massimu ta' 6 t'ijiem inkluz l-ammont ta' skips on wheels li hemm ezistenti.

9.12. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.14. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab lill-Kunsill sabiex issir pjanta li tindika s-siti fejn jinsabu l-bins on wheels.

## 10. Approvazzjoni tal-kontijiet.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument P, Q, R u S)**

10.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati ghajr tad-dawl ta' Sit B San Gorg.

10.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Materji ohra.

11.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li f'isem il-Kunsill qed jerga' juri solidarjeta mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghall-azzjoni li saret fil-konfront tieghu meta kien qed jaqdi dmiru volontarjament.

11.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li fi Triq Patri A. Tonna Barthet qed ikun hemm Mini bus kbira pparkjata li qed ikun t'inkonvenjent u qed iwaqqa xi zejt.

11.03. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kienet ser tintalab l-assistenza tal-Gwardjani Lokali.

11.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona sabiex jinxtraw welding set (inverter), 5" bench vice u cables li se jkun qed juza il-welder li qed jaghmel servizz lill-Kunsill.

11.05. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ippropona li l-Kunsill jibghat ittra lir-residenti taz-zona ta' St. Patricks dwar il-bini ta' Ambaxxata Ciniza fil-lokal, liema bini ser isir fil-vicinanza tad-djar taghhom.

11.08. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u qal li ladarba jinhatar l-Ambaxxatur Ciniz ser jiltaqa' mal-Kunsill.

11.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.10. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jipprovdi trasport minn u lejn il-vapur ta' Ghawdex ghad-delegazzjoni mill-ECAD li ser ikun Malta bejn il-25 u s-27 ta' Settembru 2009.

11.11. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.13. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li titwahhal tabella li tindika Dead End fi Triq ir-Regimenti Maltin.

11.14. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.16. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jghin lill-Ghaqda Anzjani Pembroke sabiex nhar il-Gimgha 16 ta' Ottubru 2009 fid-9.00am fil-lukanda Marina Sliema jorganizzaw attivita'. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill joffri trasport ghal din l-attivita'.

11.17. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.19. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li l-Kunsill m'ghandux isib oggezzjoni ghat-talba tal-familja Anastasi biex taghmel kamra ta' l-injam ghall-qtates.

11.20. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.22. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill ghandu jibghat kopja ta' l-ilment li l-Kunsill ircieva minghand resident li waqt ix-xoghol li qed isir fuq il-water culvert, rampa tal-hadid giet imkissra mill-vetturi tal-kuntrattur.

11.23. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.25. Is-Sindku Joe Zammit talab li meta huwa jkun imsiefer jew indispost minhabba mard, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghandu jinforma lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli jkun qed jassumi r-responsabilitajiet ta' Sindku matul dak il-perjodu, eskluz li jinghata l-Onorarja.

11.26. Is-Sindku Joe Zammit qal li s-Segretarju Ezekuttiv ghandu jzomm il-boghod milli jidhol f'diskussjonijiet mal-Kunsilliera matul id-dibattitu tal-laqgha izda ghandu jaghti dawk il-pariri u jaghmel kummenti skond l-Att tal-Kunsilli Lokali.

11.27. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jikteb lill-Onor. Chris Said fejn jintalab l-intervent tieghu biex wara li l-Kunsill ghamel l-almu tieghu biex gabar flejjes ghad-dawl, huwa jghin biex forsi l-Gvern Centrali jaghti daqqa ta' id ukoll.

11.28. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.30. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li huwa ser ikun imsiefer bejn l-14 ta' Dicembru 2009 u l-14 ta' Marzu 2010 u ghalhekk ippropona li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jkun infurmat b'dan.

11.31. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.33. Il-Kunsillier Joe Brincat qal li madwar Blokk 10 Triq il-Battalja ta' Malta qed ikun hemm vetturi jostakolaw il-passagg u ghalhekk qed ikunu ta' periklu.

11.34. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li diga kienu ttiehdu passi biex Gwardjan Lokali jiehu passi.

11.35. Il-Kunsillier Joe Brincat qal li l-culvert li sar fid-dahla ta' St. Patricks jidher li huwa zghir u ghalhekk irrakkomanda li jkun il-wisa' kollu u jkun zewg fillieri fuq xulxin.

11.36. Il-Kunsillier Joe Brincat qal li hemm gebla perikoluza tesporgi mill-bini ta' l-Australia Hall.

11.37. Is-Sindku Joe Zammit qal li ghandha tinkiteb ittra lill-Partit Laburista dwar dan il-periklu.

11.38. Il-Kunsillier Joe Brincat talab li tinkiteb ittra lill-MEPA sabiex tinzabar harruba li hemm fi Triq Sir Luigi Preziosi.

11.39. Il-laqgha ntemmet fid-9.15 pm wara li kien ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 7 ta' Ottubru 2009 fil-5.30 pm.

| Joe Zammit | Kevin Borg |
|---|---|
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |